# Id-Devozzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura f'Ħal Qormi

*Kitba ta'*
**Dr. Joseph F. Grima**

Id-devozzjoni lill-Madonna taċ-Ċintura tidher li daħlet f'Malta lejn tmiem is-seklu sittax għax l-ewwel referenza magħrufa għaliha hi tas-sena 1594. Kienu l-patrijiet Agostinjani li ferrxu din id-devozzjoni għalkemm, sa tmiem is-seklu sbatax, insibuha biss fil-knejjes li dawn il-patrijiet kellhom ir-Rabat f'Malta u Għawdex, u fil-belt Valletta. Ġara li fejn ma kienx hemm Fratellanza taċ-Ċintura, in-nies bdew joħorġu mir-raħal tagħhom biex iwettqu dawn id-devozzjonijiet f'postijiet oħrajn. Għaldaqstant, diversi kappillani ħasbu biex iwaqqfu Fratellanza taċ-Ċintura fil-parroċċa tagħhom bl-ewwel waħda tkun f'Ħal Luqa fl-1719. Sal-1770, kienu twaqqfu ħdax-il fratellanza taċ-Ċintura fil-parroċċi Maltin, fosthom fil-Parroċċa San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

## Artal u Fratellanza

L-ewwel referenza għall-Madonna taċ-Ċintura f'Ħal Qormi nsibuha fil-Vista Pastorali ta' l-1723 fejn jissemma' kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li kien tqiegħed fuq l-artal tal-Gandlora għall-qima tan-nies. L-artal taċ-Ċintura mhux magħruf meta twaqqaf.

Ma nsibuhx imniżżel fil-Vista Pastorali ta' l-1736 iżda jissemma' għall-ewwel darba fil-Vista ta' l-1747 fejn hemm deskrizzjoni tal-kwadru titulari li fih naraw lill-Madonna, Santu Wistin, San Nikola ta' Tolentino, San Pankrazju (jew Brankat) u San Sidor. Dawn l-aħħar tnejn – protetturi tal-bdiewa – daħħluhom fil-kwadru bħala sinjal ta' rispett billi l-artal kien għall-bidu dedikat lilhom.

Minn dejjem kien jingħad li dan il-kwadru hu xogħol tal-magħruf pittur Malti Francesco Zahra (1710-73) u ma' dan jaqblu diversi kritiċi ta' l-arti iżda dan l-aħħar nibet ukoll il-ħsieb li seta' pittru Ġannikol Buhagiar (1698-1752), u dan fuq konsiderazzjonijiet



Il-vara tal-Madonna taċ-Ċintura li nġiebet minn Ruma għall-ħabta ta' l-1862. (Ritratt: John Frendo)

stilistiċi. Hu kwadru sabiħ ħafna li dwaru l-Professur Mario Buhagiar kiteb hekk: "Tolqotna mill-ewwel f'din il-komposizzjoni stupenda l-orkestrazzjoni armonjuża bejn il-qawwa tad-disinn, il-mudellar plastika tal-figuri u l-poeżija ta' l-ilwien li huma kważi Venezjani fl-intensità tagħhom." Il-kwadru daż-żmien jinsab fil-Mużew Parrokkjali.

L-istess bħall-kwadru, ma nafux eżatt meta twaqqfet il-Fratellanza taċ-Ċintura li wkoll tissemma' l-ewwel darba fl-1747. Għalkemm fittixt fir-reġistri tas-suppliki ta' dan iż-żmien fil-Kurja Arċiveskovili, ma sibt ebda talba għat-twaqqif tal-fratellanza. Għalhekk, mit-tagħrif li semmejna, jidher li kemm l-artal kif ukoll il-fratellanza twaqqfu bejn l-1736 u l-1747 iżda jista' jkun ukoll li l-fratellanza twaqqfet qabel, cioe' fl-1723 meta jissemma' l-ewwel kwadru.

## Vara u Kwadru Ġdid

Għall-ħabta ta' l-1862, il-fratelli ġabu vara tal-Madonna taċ-Ċintura, xogħol fil-kartapesta li nġieb minn Ruma biex jibdew joħorġuha fil-purċissjoni tal-fratellanza, kif fil-fatt għadu jsir sal-lum. Billi l-vara kienet kemmxejn qasira, l-istatwarju qormi Ġużeppi Cilia, il-Bellettu, żidilha ftit sħab u tliet irjus ta' anġli taħtha.

Meta sar tibdil sħiħ fil-prospettivi ta' l-artali tan-navijiet tal-knisja parrokkjali, inbidel il-kwadru titulari biex jikkonformi mal-qisien il-ġodda tal-prospettiva. Il-kwadru preżenti hu xogħol l-artist qormi Ġuże' Duca (1871-1948) li pittru fl-1923 a spejjes tal-fratellanza.

Kull sena l-fratellanza tiċċelebra l-festa tal-Madonna taċ-Ċintura f'Settembru b'ċelebrazzjonijiet liturġiċi u purċissjoni bil-vara li fiha jieħdu sehem il-ħames fratellanzi tal-parroċċa.